KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 - MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 54

l-erbgħa u ħamsin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet il-Ħamis 21 ta' April 2016 fis-6.40pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | John Pillow | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Graziella Enriquez | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Proposti Progetti ERDF*
6. *Laqgħa Annwali tal-Lokalita 2016*
7. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
8. *Aġġornament*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 53_23/03/2016.

1.2 Il-Kunsillier P. Radmilli talab li tizdied frazi f'punt 3.7 'Id-deċizjoni tar-Reġjun hija dik li l-Kunsilli jiddeċiedu huma individwalment kif jipproċedu.' *Korrezzjonijiet*

1.3 Saret korrezzjoni f'punt 6.1 li tizdied id-data '5 ta' Mejju 2016'.

1.4 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 Dwar punt 2.1 dwar il-gabbani tax-Xatt, il-Kunsill ġie infurmat li kellhom jibdew bil-proċedura l-ġdida f'Gunju 2016. Izda, jidher illi r-rappreżentanti tat-Turizmu mhux qed ikomplu jattendu ghal dawn il-laqghat. *Gabbani tax-Xatt*

2.2 Dwar punt 2.2, il-Kunsill talab għal għajnuna lit-Transport Malta biex issir il-junction ta' Tower Road ta' quddiem Triq il-Kulleġġ l-Antik kif kien sar qbil fl-aħħar seduta izda din ma ġietx milqugħa. Il-Kunsill għandu jiprova jispjega lil TM kif din tista ssir biex tiffacilita t-traffiku waqt ix-xoghlijeit tal-*junction* tal-Kappara. *Junction Tower Road*

2.3 Il-Kunsillier P. Radmilli informa lill-Kunsill bl-entita ERA li dawn jagħmlu raprezentazzjonijiet ukoll mal-MEPA fuq zvilupp fil-lokal, f'dak li jirrigwarda wkoll *waste management* u qal li tkun idea tajba li l-Kunsill jiltaqa magħhom u jimxi id f'id biex il-Kunsill jara verament jiġux attwati certu kundizzjonijiet tal-izvilupp. Il-Kunsill għandu jitlob laqgħa mal-ERA dwar dan. *ERA*

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw 18.54*

2.4 Il-Kunsill ġie infurmat li s-survey dwar l-RPZ miexi skont it-timeframes *RPZ survey*

2.5 Dwar il-plakek li hemm madwar il-monument ta' Sri Chimnoy, il-Kunsill ġie infurmat li dawn tneħħew. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa dwar l-istatwa li għada fuq il-post. Is-SE informa li mis- *Monument Sri Chimnoy*

Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali kellna tweġiba verbali li la darba l-Kunsill għamel deċizjoni u lahaq ħareġ il-permess mil-MEPA issa ma jistax jitneħħa dan il-monument. Il-Kunsill għandu jibgħat *reminder* għal risposta mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

*Daħal il-Kunsillier P. Portelli għas-seduta fis-7pm*

2.6 B'referenza għal punt 2.10 il-Kunsill qabel li għandu jibda bix-xogħlijiet tal-Berga. *Berga*

2.7 Dwar punt 2.11 dwar CCTV tal-Kunsill, il-Kunsilliera ġew infurmati li fl-uffiċċju se jkun hemm TV monitor li jkun hemm monitoring għas-sigurta tal-uffiċċju kif ukoll aċċess għas CCTV ta' barra permezz tal-internet. *CCTV*

2.8 Dwar punt 2.12 dwar il-proġett propost għal meta l-iskola tiġi *phased out*, il-Kunsill talab lill-Ministru E. Bartolo biex jiġi diskuss miegħu l-proġett propost kif kien mitlub mill-Ministru stess, madankollu s-Sindku wera d-dizappunt għaliex ir-risposta kienet li issa għandhom il-pjanijiet tagħhom. *Proġett propost-ma jistax jitwettaq*

2.9 Dwar aktar attivitajiet fid-Day Centre is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera M. Aquilina se jkunu qegħdin jiltaqgħu mal-*management* tad-Day Centre. *Sliema Day Centre*

2.10 Dwar punt 2.14 dwar il-bins, il-Kunsillier J. Pillow se jiltaqa' mal-kuntrattur biex jaraw fejn se jitpoġġew. *Bins*

2.11 Dwar punt 2.15 għal siġar fi Triq Dingli ġie deċiż li jsiru toqob biex jitpoġġew il-konki u jiġu mħawwla diversi siġar f'Ottubru 2016. *Siġar fi Triq Dingli*

2.12 Dwar punt 2.17 dwar il-*bicycle lane* kien hemm diffikultajiet u l-laqgħa għada ma saritx u għandu jsir *follow up*. *Bicycle lane*

2.13 Dwar punt 2.18 li mill-1 ta' Mejju l-ġbir ta' skart kien se jibda jkun mit-8pm, il-Kunsill ġie infurmat li għal kuntrattur se tkun diffiċli għaliex il-ħaddiema ma jilħqux it-trasport pubbliku. Is-SE qal li teknikament il-Kunsill jekk javza tlett xhur qabel ikollu jirranġa. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet la m'għandiex tgergir nistgħu nibqgħu kif aħna. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li taqbel li nħallu kollox kif inhu għaliex il-ħaddiema jkunu mdejqin u hemm ċans li ma jagħmlux ix-xogħol sew. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw proponiet li l-ġbir isir fit-8pm darba fil-ġimgħa u l-Kunsill jipprovdi *Gbir ta' skart*

t-trasport u l-Kunsill jipprovdi t-trasport. Ma kienx hemm qbil.

2.14 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li jekk ma jkunx hemm *enforcement* għalxejn inċalqu l-ħin. Is-Sindku informa li talab lis-Sur Ray Zammit għal aktar ECO Wardens f'Tas-Sliema. Għandna nerġgħu nitolbu uffiċċjalment għal iktar Eco Wardens. *Eco Wardens*

2.15 Dwar punt 3.6 dwar il-bankijiet fix-Xatt dawn se jdawru ftit mil-bankijiet meta jitwaħħlu l-kumplament. Bankijiet fix-Xatt

2.16 Dwar punt 3.8 dwar biex il-pubbliku jkun jaf bl-ispejjez rikurrenti tal-Kunsill, kien hemm qbil li għanda titla l-presentazzjoni tar-rapport amministrattiv fuq *facebook*. *Spejjez kurrenti*

2.17 Dwar punt 4.4 dwar it-traffiku fi Triq il-Kulleġġ l-Antik għal Mrabat, il-Kunsill informa li l-proċess beda pass, pass. S'issa tneħħiet parking bay waħda. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li hemm bzonn li jineħħew parking bays mit-telgħa. Il-Kunsillier P. Portelli qal li qiegħed ikun hemm karozzi pparkjati quddiem *Corks Bar* li qegħdin joħolqu aktar traffiku. Ġie ssuġġeriet li ssir *un/loading bay* u l-karozzi jkunu jistgħu jipparkjaw wara l-ħin stipulat. Is-Sindku jaqbel li jitneħħa l-parking mit-telgħa u qal li *un/loading bay* tingħata meta jkun hemm aktar minn sitt iħwienet. Kien hemm qbil li l-Kunsill jikteb lit-Trasport Malta dwar iz-zewġ possibiltajiet. *Traffiku fi Triq il-Kulleġġ l-Antik għal Mrabat*

2.18 Dwar punt 4.5 dwar SAF il-Kunsilliera M. Aquilina uriet l-apprezzament tagħha għaliex uħud mill-affarijiet li proponiet fl-evalwazzjoni tas-sena 2015 se jsiru fl-SAF 2016. *SAF*

2.19 Dwar punt 4.12 dwar ir-rampa tal-Kazin ta' San Girgor, is-SE informa li l-Kunsill irċieva lment mill-KNPD. Il-kumitat qalulna li ħa jaghmluha il-kuntratturi tal-knisja iżda dan ma sarx. Il-Kunsill ġie infurmat li wara li jitneħħa l-iscaffolding ir-rampa għandha ssir. Kien hemm qbil li ma jingħatgħux permessi u ghajnuna finanzjarja f'attivitajiet ma San Girgor sakemm issir din ir-rampa. *Rampa San Girgor*

2.20 Dwar punt 5.2 il-Kunsill ġie infurmat li ġie iffirmat il-kunratt mal-Greenpak. *Greenpak*

2.21 Dwar punt 7.1 il-Kunsill ġie infurmat li l-*health scheme* ġiet imġedda mal-AKL. *Health scheme*

*Daħal il-Kunsillier M. Briguglio fis-19.35pm*

2.22 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li qegħda tirċievi diversi ilmenti dwar knis fi Triq Għar il-Lenbi. Il-*contracts manager* qiegħed imur b'mod regolari u qiegħed jagħmel diversi *spot checks* mal-kuntrattur. Is-Sindku saqsa lill-Kunsilliera biex jinfurmawh f'kaz li ma jarawx titjib. *Knis fit-toroq*

2.23 Il-Kunsillier P. Portelli irrefera għall-punt 7.2 u qal li tat-Torri għadu qiegħed joħroġ l'A' boards filgħaxija.

## 3. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI TAL-KONTIJIET

*Il-Kunsilliera M. Aquilina ġiet skuzata li titlaq mis-seduta fit-7.45pm*

3.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-lista ta' pagamenti.

3.2 Is-Sindku ressaq l-pagamenti ghall-approvazzjoni. Il-Kunsillier M. Briguglio issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti.*

## 4. RAPPORTI MILL-KUMITATI U SOTTO KUMITATI

4.1 Il-Kunsill ġie infurmat li għas-siġar li se jitħawwlu fi Triq Dingli u Dingli Circus il-Kunsill għandu sponsorship ta' Ewro 7,500. Il-Kunsill ġie mistoqsi jekk għandux izid magħhom biex ikun hemm Ewro 10,000 għal dan il-proġett. Il-Kunsill qabel. Il-Kunsillier P. Radmilli spjega li fi Triq Dingli se jkun hemm Ċipress u Dingli Circus se jkun hemm siġar ta' Judas, Lewz, Jacaranda u Delonix li huma siġar li joħoġu fjuri fi zmien differenti. Il-Kunsillier P. Portelli saqsa dwar il-manutenzjoni tagħhom. Il-Kunsill se jinkludih mal-kuntratt tal-gonna. Il-Kunsill għandu jkellem l-isponsors dwar il-pjan tagħna biex jiġu mħawwla s-siġar f'Ottubru. *Pjanti fi Triq Dingli/Dingli Circus*

4.2 Ġie nnotat li l-librerija f'Tas-Sliema għandha bzonn zewġ kompjuters għaliex m'għadhomx jaħdmu. Kien hemm qbil li jinxtraw zewġ kompjuters fejn il-ġodda jinzammu l-uffiċċju u tnejn mill-uffiċċju jingħataw lill-librerija. *Xiri ta' kompjuters*

4.3 Il-Kunsill approva spiza ta' madwra Ewro 550 għal latrina ta' Ferro Bay għaliex hemm problema bid-dawl u *leakage* mis-saqaf. *Manutenzjoni latrina - Ferro Bay*

4.4 Ġie nnotat li hemm bzonn li jitwaħħlu zewġ arbli tad-dawl fix-Xatt *Aktar dawl fix-Xatt*

fis-centre strip fejn hemm il-parti hamra quddiem l-iSquare Deal għal aktar dawl. L-Enemalta se jipprovdu l-arbli izda l-Kunsill jrid jipprovdi l-*labour works*. L-ispiża hija ta' Ewro 925. Kien hemm qbil dwar dan.

4.5 Is-SE ressaq z-zewġ offerti tat-tender li ħarġet tal-*Engineering Services* tal-*car park* ta' ħdejn it-Torri. *Tender – Engineering service għal car park*

MTS – Ewro 19,000
Camilleri and Cuschieri Ewro 30,528

Il-Kunsill għazel l-MTS peress li hija l-irhas offerta.

4.6 Is-SE informa li ħarrġu *call for quotations* għat- tindif tal-uffiċċini kif ukoll għal *cash in transit*. Il-Kunsill ġie infurmat ukoll li se jinħarġu *call for quotations* għal *outdoor gym equipment*. *Call for quotations*

4.7 Il-Kunsillier M. Briguglio informa li hemm zewġ arbli tad-dawl ħdejn it-Torri li mhux qegħdin jaħdmu. Qal ukoll li għadu ma bediex x-xogħol fuq ir-railings ta' fuq il-blat. Il-Kunsill għandu jfakkar lill CSD. *Xogħlijiet*

4.8 Il-Kunsiller M. Briguglio informa li se jerġa jsir kors tat-tfal tal-qari u kitba bil-Malti u Ingliz. Il-Kunsill se jissussidja Ewro 30 kull tifel/tifla u min japplilka iħallas il-kumplament Ewro 20 għal kors kollu. *Kors tat-tfal – reading and writing*

4.9 Il-Kunsillier P. Portelli għamel preżentazzjoni u spjega tal-ispejjeż tal-SAF 2016. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw issuġġeriet li din is-sena inċaqalqu l-post tal-festival SAF 2016. Ma kienx hemm qbil dwar dan. Il-Kunsillier M. Briguglio saqsa jekk hux se jkun hemm insurance, is-SE wieġeb li l-festival se jkun kopert bl-insurance. *SAF 2016*

4.10 Is-SE informa li l-Kunsill stieden lill-artisti biex jiltaqa' magħhom it-Tnejn fis-6.30pm u jġibu l-portfolio tagħhom u eventwalment jintgħazlu mis-Sur Chris Gatt li gie appuntat Artistic Director tal-festival.

4.11 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw issuġġeriet li jsiru korsijiet tal-Arti flok il-beading. Ġie deċiż li l-membri tal-kumitat ta' l-edukazzjoni jipproponu korsijiet differenti bl-ispejjeż involuti. *Korsijiet*

4.12 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li minn mindu nqassmet il-MEPA issa *MEPA*

jista jkun hemm rapprezentant tal-Kunsill fil-bord. Hemm applikazzjonijiet ta' proġetti maġġuri u jemmen li bħalissa għandna nkunu fil-bord. Il-Kunsill qabel li aħna għandna navviċċinawhom li nkunu fil-bord u mhux nistennew li jsejjħulna huma.

4.13 Il-Kunsill ġie infurmat li se jkun hemm *press conference* mill-Perit Edward Said u Astrid Vella dwar id-djar ta' Hughes Halliet Street. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li aktar jaqbel li nifthemu li nkellmu lill-kuntrattur u l-perit biex jibqgħu zewg faċċati u taqa waħda biex ikun hemm aċċess għal garaxx u jzommu xi partijiet minnha. Il-Kunsillier P. Portelli jaqbel li l-Kunsill għandu jattendi għal din il-*press conference*. Is-Sindku, il-Kunsilliera M. Briguglio u P. Portelli jaqblu li jkun miftiehem se jingħad. Il-Kunsillier P. Radmilli għandu jkellem lill-perit Edward Said. *Hughes Halliet*

4.15 Il-Kunsillier D. Muscat qal li l-kumitat tiegħu għad irid jiltaqa' biex issir *post mortem* dwar 'Tas-Sliema Wirt u Niesha'. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li l-aħjar li nieħdu ħsieb minn issa u għandha issir laqgħa biex tiġi diskussa l-attivita għal din is-sena. *Tas-Sliema Art u Niesha*

4.16 Il-Kunsill għandu jistaqsi lil Greenpak jekk jistgħux jghatu *wheely bins* lil Sliema Wanderers. *Bins*

4.17 Il-Kunsill ġie infurmat li għandu stedina għal Bialystok f'Gunju. Il-Kunsilliera P. Radmilli, V. Galea Pace u L. Cassar Shaw urew l-interess li jmorru *Stedina Bialystok*

## 5. PROGETTI PROPOSTI ERDF

5.1 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li ħareġ programm ta' ERDF specifikament ghall-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel li japlika għall-Fortizza u x-xelter. Il-Kunsill se japplika għat-tnejn. *ERDF*

## 6. LAQGĦA ANNWALI TAL-LOKALITA 2016

6.1 Is-SE spjega kif se jipprezenta r-rapport lir-residenti kif għamel is-sena li għaddiet izda se jzid il-proġetti proposti ghas-sena 2016.

6.2 Gie diskuss jekk għandhomx isiru *workshops* wara l-introduzzjoni. Kien hemm qbil li għandu jkun hemm tlett *workshops* bis-suġġetti Ambjent, Trasport u Sigurta.

6.3 Għandu jsir programm bil-ħinijiet għall-poster.

6.4 Il-laqgħa annwali se ssir it-Tnejn 16 ta' Mejju 2016 fis-6pm.

## 7. SUĠĠERIMENTI MILL-KUNSILLIERA

7.1 Il-Kunsillier M. Briguglio qal li partijiet tat-tapit ta' taħt il-bandli ta' Gnien Margaret Mortimer huwa perikoluz ħafna u hemm bzonn li jitneħħa. *Tapit tal-bandli*

7.2 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li d-deċizjonijiet tal-MEPA mhumiex qegħdin jitilgħu waqt laqgħa tal-Kunsill u hi taqbel li jibdew jitilgħu għax qalet li d-deċizjonjiet ma jgħoddux jekk ma jitilgħux Kunsill. Is-Sindku qal li normalment ikun hemm *time frame* qasir biex isiru l-oġġezzjonijiet u l-Kunsill ma jilħaqx jiltaqa' u hija diġa diffiċli biex il-membri jiltaqgħu meta jiġu organizzati laqgħat oħra u f'dan il-kaz zgur li tkun diffiċli biex il-Kunsill ilaqqa' il-membri għal kull applikazzjoni tal-MEPA. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li ma jistax tkun deċiza Kunsill għax ma jkunx hemm zmien biex noġġezzjonaw. Is-Sindku propona li f'dan il-kaz nistgħu nagħmlu bord ikbar, id-deċizjoni tintbgħat lill-Kunsilliera kollha u tingħata *deadline* biex min irid jgħaddi l-kummenti dwar d-deċizjoni qabel ma tintbgħat l-oġġezzjoni. Kien hemm qbil dwar dan. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw għandha tkun fil-bord ukoll. *Mepa applications*

7.3 Ġie nnotat li Trejqet Sant'Injazju hemm vetturi li qegħdin isuqu bi speed għoli u hemm talba għal sleeping policeman. Il-Kunsill għandu jirċievi l-firem għal din it-talba. *Sleeping policeman*

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fl-22.35*

7.4 Il-Kunsill kellu talba biex issir un/loading bay fi Pjazza Annunzjata. Ġie nnotat li kull ma hemm erba ħwienet biss, u ghaldaqstant din mhux ser tigi approvata.

7.5 Ġie nnotat li l-poles tal-bandli u l-islides ta' Gnien Bonello Dupuis fihom hafna sadid. Is-Sindku qal li dawn suppost qegħdin jiġu spezzjonati qegħdin jagħmlu r-rapporti fuqhom. *Gnien Bonello Dupuis*

7.6 Ġie nnotat ukoll li fil-Gnien Bonello Dupuis qiegħed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb fit-turf. Kien hemm qbil li nagħlqu t-turf b'hedge.

7.7 Ġie nnotat li fi Triq Tigne hemm *stretches* twal bla *dog bins*. Il- *Dog bins*

Kunsill għandu jara dan.

7.8 Ġie nnotat li hemm bzonn li jsir ftit cement fuq il-bankina fejn jipparkjaw il-karozzi fi Triq Giacintu. *Triq Giacintu*

## 8. AGGORNAMENT

8.1 Is-seduta intemmet fil-22.50. Seduta oħra ġiet aġġornata nhar it-Tnejn 23 ta' Mejju 2016 fis-6pm.

Minuti approvati llum

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**